**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 49/2020 AGV**

**AB (ID nru: 489570M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 471975M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 7 ta' Frar 2020 fejn espona bir-rispett u kkonferma;**

1. Illi ir-rikorrent kien zzewweg lil CD nhar it- 30 ta' Settembru 2000, u dana skont certifkat hawn anness u mmarkat Dok A; u minn daz-zwieg ma hemmx ulied;
2. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Margaret Heywood, datat 14 ta' Novembru 2006 ara, Dok B;

3. Lli skont il-kuntratt hawn imsemmi,  il-partijiet, kienu rrinuznjaw b’ mod reciproku mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;
4. Illi llum ma hemmx l-ebda prospett regenevoli ta’ rikonciljazzjoni, anka ghaliex illum il-gurnata, iz-zewg partijiet ghandhom hajja totalement seperata minn ma’ xulxin;
5. Illi dal- fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzonijiet rikjesti mil-ligi ghal ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment titlob lil din Onorabbli Qoti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifkat taz-zwieg tal-partijiet.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat nota prezentata minn CD** datata 8 ta’ Mejju 2020, fejn esponiet;

1. Li hija taqbel mal-fatti kif elenkati minn AB fir-rikors tieghu, inkluz li ma hemm ebda cans ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
2. Illi l-esponent taqbel li l-ebda manteniment ma ghadu dovut bejn il-partijiet;
3. Illi ghaldaqstant l-esponent mhux qed topponi ghat-talba tal-ottjeniment tad-divorzju, ghalkemm topponi ghal-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Tant ghandha x’ tissometti l-esponenti f‘ dal-istadju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**